MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 20/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tristan Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tristan Falzon talli:

(1) Fil-31 ta’ Awissu u/jew matul is-snin/xhur precedenti, waqt li kien fir- residenza 64, Redeemer, Triq it-23 ta’ April, Qormi, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru [l-istess] dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ elf lira (Lm1000) fi flus, liema serq kien aggravat bil-hin, mezz, valur u bil-persuna, u dan ghad-dannu ta’ missieru Carmelo Falzon;

(2) Fl-istess zmien u lok bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u liema delitt kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-hin, mezz, valur u bil-persuna;

(4) Fl-istess zmien u lok xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal b'kull mod biex ibieghhom jew imexxihom;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28G(3) u 28G(9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza sospiza moghtija minnha fid-9 ta' Frar 2004 tigi reza effettiva b'dan li l-imsemmi Tristan Falzon ghandu jaghmel sentejn prigunerija effettivi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Tristan Falzon ipprezentat fl-4 ta' Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz skond il-ligi u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn fl-24 ta' Frar 2008, l-ewwel Qorti ordnat illi s-sentenza sospiza moghtija nhar-id 9 ta' Frar 2008 tigi reza operattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Tristan Falzon huma fil-qosor is-segwenti: (1) is-sentenza appellata tikkoncerna sentenza sospiza li l-perijodu operattiv taghha ta' erba' snin kien kwazi ddekorra kollu; (2) l-informazzjoni permezz ta' denunzja lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tikkoncerna informazzjoni li kien ta l-appellant stess lil Trevor Calafato dwar kif kienu baghtu ghalih il-Pulizija dwar suspett ta' zewg serqiet; (3) il-principju tal-prezunzjoni ta' l-innocenza

tibqa’ valida sakemm kaz ikun sar *res judicata*; (4) l-incident originali kien jirrigwarda rapport li kien ghamel missier l-appellant stess bil-hsieb li ibnu ma jkomplix jabbuza mid-droga; (5) l-appellant innega kwalsiasi involviment tieghu fil-kazijiet li dwarhom il-Pulizija baghtu ghalih; (6) fil-kaz odjern, jekk din il-Qorti ssib li kien hemm xi nuqqas minuri tista’ tvarja l-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ supervizjoni jew testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jew timponi multa [*recte: ammenda*]; (7) sentenza effettiva ta’ prigunerija tkun tfisser li l-isforzi li saru min-naha ta’ l-appellant u l-familja tieghu jkunu rezi inutili.

B’referenza ghall-ewwel aggravju jirrizulta li s-sentenza sospiza ta’ prigunerija nghatat fid-9 ta’ Frar 2004. Ir-rapport ta’ l-ufficjal sorveljanti li wassal ghas-sentenza appellata gie pprezentat fl-4 ta’ Dicembru 2007, ftit aktar minn xahrejn qabel ma ddekorra l-perijodu operattiv ta’ erba’ snin. Dak li ma qalx l-appellant izda huwa li dan kien it-tieni rapport peress illi kien sar rapport iehor fit-28 ta’ Settembru 2004 li gie ttrattat mill-ewwel Qorti bid-decizjoni taghha tad-9 ta’ Awissu 2006 billi kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u wissietu li jekk ma josservax il-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ supervizjoni, inkluz li jibda programm ta’ disintossifikazzjoni u rijabilitazzjoni f’Centru approvat ghal dan il-ghan, darb’ohra dik il-Qorti ma kinitx sejra tkun klementi mieghu u tordna li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva – kif fil-fatt gara.

Jirrizulta mill-atti li l-ewwel Qorti ghamlet kull ma setghet biex tghin lill-appellant jeghleb il-problema ta’ l-abbuz tad-droga. Difatti huwa kien beda programm fil-Komunita` Santa Marija, izda gie sospiz wara li ma segwiex wiehed mir-regolamenti li jghid li ma setax jircievi posta jew jikteb lil xi hadd minghajr il-permess ta’ l-istaff wara li jkun ilu xahar fil-Komunita` (ara fol. 57 – 60 para. 15).

L-appellant issa jidher li qieghed jilmenta li l-ewwel Qorti rrendiet operattiva s-sentenza sospiza ta’ prigunerija minhabba suspett tal-Pulizija fih f’zewg kazijiet ta’ serq. Din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwelnett ir-rapport ta’ l-ufficjal sorveljanti sar peress illi l-appellant naqas milli jzomm

ruhu f'kuntatt ma' l-istess ufficjal skond id-direttivi moghtija, naqas milli jzomm ruhu impenjat f'hajja ta' bzulija, naqas milli jindirizza l-problema tad-droga li ghandu skond id-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal u naqas milli jzomm kuntatt ma' centru ta' rijabilitazzjoni. Huwa veru li meta Trevor Calafato xehed quddiem l-ewwel Qorti semma' li l-appellant kien mar ikellmu wara li rcieva d-denunzja ta' l-4 ta' Dicembru 2007 u qallu li "kien fetah zewg kazijiet ohra fuq serq minn xi xih, allegat f'dan l-istadju, u allegat serq ta' stereo", u li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ccitat ukoll din il-parti mix-xiehda ta' Trevor Calafato. Jidher pero` li l-preokkupazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet li l-appellant ma kienx ghamel il-programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga. Difatti dik il-Qorti kkummentat fis-sentenza appellata li hija kienet tat kull opportunita` lill-appellant biex ifieq mill-vizzju tad-droga peress illi kienet konvinta li huwa **"ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema"** izda ma kellhiex taghtih cans iehor ghax **"temmen li l-isforz tieghu mhux wiehed genwin"**.

Quddiem din il-Qorti pero` xehdet Vicky Scicluna, rapprezentanta tas-SEDQA, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2008. Hija nfurmat lill-Qorti li l-appellant rega' beda kuntatt ma' l-Agenzija f'Marzu 2008, li beda jattendi regolari u wera interess li jaghmel program ta' rijabilitazzjoni. Qalet li qieghed jiehu l-methadone biex jidhol Dar l-Impenn fl-ahhar ta' Gunju ghad-*detoxification* imbaghad imur ghal programm fil-Komunita` Santa Marija. Infurmat lill-Qorti wkoll li kien dejjem puntwali ghall-appuntamenti mad-*drugs worker* tieghu Delicia Farrugia u dejjem ikkoopera mal-pjanijiet li ghamlu mieghu. Waqt is-*sessions* deher "konsistenti fil-hsibijiet tieghu, fix-xewqa u l-bzonn li beda jhoss li jmur il-programm ta' Santa Marija".

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2008 regghet xehdet Vicky Scicluna kif ukoll xehdet il-*care worker* tieghu Connie Fenech li nfurmaw lill-Qorti li bhalissa l-appellant jinsab fil-programm ta' Santa Marija (Imnedija mill-Agenzija SEDQA), fejn ilu ghal dawn l-ahhar erba' xhur, u diga` qieghed fit-tieni stadju, dik tal-formazzjoni.

Minn dan jidher li l-appellant finalment qieghed jaghmel progress fil-mixja tieghu biex jeghleb il-problema ta’ l-abbuz tad-droga, u li dan kien progress konsistenti sa minn Marzu 2008. Dak li jidher li kien l-iskop inizjali tal-proceduri inizjati kontra l-appellant forsi fl-ahhar qieghed jintlahaq. Din il-Qorti pero` trid tkun zgura li kemm-il darba taghti hi l-ahhar opportunita` lill-appellant sabiex jirriforma ruhu, din l-opportunita` trid tittiehed minnu bis-serjeta`. Ghalhekk sejra tissostitwixxi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza inizjali b’perijodu iehor u sejra taghmel ordni ta’ supervizjoni b’diversi kondizzjonijiet bl-intendiment car li jekk, bl-icken mod, l-appellant jikser il-kondizzjonijiet li ser jinghatawlu, imbaghad ikollu jiffaccja r-riguri kollha tal-ligi appena xi nuqqas jigi rapportat lil din il-Qorti. Dan qieghed jigi spjegat lill-appellant f’termini cari u, wara li l-Qorti spjegatlu l-kondizzjonijiet fl-ordni, huwa ddikjara ruhu lest li joqghod ghalihom.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat li s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fid-9 ta’ Frar 2004 tigi reza effettiva b’dan li l-imsemmi Tristan Falzon ghandu jaghmel sentejn prigunerija effettivi, u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tbiddel il-perijodu operattiv specifikat f’dik is-sentenza b’perijodu iehor ta’ erba’ snin dekorribbli millum, cioe` li s-sentenza ta’ sentejn prigunerija li kienu gew imposti bis-sentenza msemmija tad-9 ta’ Frar 2004 ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta’ supervizjoni u tqieghed lill-appellant taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-

subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tordna notifika ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ supervizjoni lid-Direttur tal-Komunita` Santa Marija, Hal-Luqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------